# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 23 ta' Marzu 2021**

**Kawza Numru: 7**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 732/2009 JVC**

**Hal Far Quarries Limited (C22832)**

**vs**

**Mangion Bros. (Zurrieq) Limited (C6162)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn is-socjeta' rikorrenti Hal Far Quarries Limited ikkonfermat bil-gurament u talbet kif isegwi:

1. 'Illi s-socjeta' attrici ssupliet lil dik konvenuta bi kwantita ta' materjal uzat fil-kostruzzjoni sa mis-sena 1999 l'hawn.

2. Illi kien hemm ftehim bejn il-partijiet illi kellu jkun hemm kont kurrenti bejniethom b'dan illi s-socjeta' intimata kienet taffettwa l-hlasijiet akkont, waqt li kienet teffettwa ordnijiet varji.

3. Illi ftit li xejn ma kienet is-socjeta' intimata thallas skond il-fatturi izda kif jirrizulta mill-anness dokument Dok. HFQ1 sa Dok. HFQ21, il-hlasijiet illi kienet teffettwa s-socjeta' intimata kienu hlasijiet akkont li kienu jithallsu man man waqt li kienet tordna u tigi suplita mis-socjeta' esponenti bil-kwantita' ta' materjal li kienet tordna. Illi l-ahhar pagament akkont sar fis-sena 2007.

4. Illi s-socjeta' rikorrenti ghad ghandha dovut lilha minn dik intimata s-somma ta' €12,804.08 oltre' l-imghax legali rapprezentanti bilanc ta' somma ikbar liema bilanc huwa dejn cert, likwidu u dovut.

5. Illi nterpellata diversi drabi sabiex thallas il-bilanc dovut minnha, is-socjeta intimata xorta wahda baqghet inadempjenti.

Tghid ghalhekk is-socjeta' intimata ghar-ragunijiet premessi u dispensat mis-smigh tal-kawza ai termini tal-Art 167 et seq tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta ghalhiex m'ghandiex din l-Onorabbli Qorti tiddikjara u tiddeciedi illi:

1. Is-socjeta' intimata hija debitrici tas-socjeta' rikorrenti fl-ammont ta' €12,804.08 oltre' l-imghax legali sad-data tal-

pagament effettiv, rapprezentanti bilanc ta' somma ikbar dovuta lis-socjeta' rikorrenti, prezz ta' materjal mibjugh u kkonsenjat lis-socjeta' intimata minn dik rikorrenti.

2. Tikkundanna lis-socjeta' intimata thallas is-somma ta' €12,804.08 oltre' l-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' intimata inkluz dawk ta' l-ittra legali tal-17 ta' Marzu, 2009 u dawk ta' l-ittra ufficjali tal-15 ta' April, 2009. L-intimata hija ngunta minn issa stess in subizzjoni.'.

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta' intimata Mangion Bros (Zurrieq) Limited li eccepiet kif isegwi:

1. 'Illi s-socjeta rikorrenti ghandha qabel xejn tindika, kwantu jirrigwarda s-socjeta intimata, (a) kemm il-account kienu miftuha fuq isimha u ghal liema raguni kien hemm tant accounts miftuha f'isimha, (b) l-allegat bilanc mil-liema account, jekk jirrizulta, jirrizulta, (c) meta thaddem l-ahhar dan l-account u (d) jigu ndikati dawk l-arrangamenti kollha ta' bdil li saru bejn is-sieheb li kien fis-socjeta rikorrenti u s-socjeta intimata tul il-perjodu illi fih kienu jinnegozjaw flimkien bi u minghajr il-kunsens tad-dirigenti godda tas-socjeta rikorrenti

2. In linea mas-suespost, l-ebda ammont ma hu dovut u anke il-preskrizzjoni tat-talba rikorrenti a tenur ta l-artikolu 2149(a) u 2156(f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta Malta stante illi fl-ahhar snin tar-relazzjoni guridika bejn il-kontendenti, s-socjeta intimata dejjem halset fil-pront u kienet "up to date" u dan kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kaz u anke

ghaliex meta l-kontendenti ghalqu l-kotba tan-negozju taghhom, circa tliet snin ilu, kull ammont li kien pendenti bejn il-kontendenti gie maghluq u l-ebda parti ma kellha tiehu minghand l-ohra u dan kif jirrizulta mil-kopja tad-dokument hawn anness u market JMS 1 li ghad li jipprova dak espost ma hux kopja fidila tal-accounts tas-socjeta u dan kif jigi spjegat u n linea mal-eccezzjoniji sovra ndikati.

Salv eccezzjonijiet ohra'.

Rat ix-xiehda, statement of accounts, ittra legali, ittra ufficjali, cekkijiet, invoices, delivery notes, kontro-ezamijiet, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat illi fil-verbal tas-seduta tas-27 ta' Marzu, 2015 a fol. 149 tal-process gie vverbalizzat is-segwenti:

'Dr. Joseph Sammut jirrileva li l-atturi hadu over minghand socjeta ohra u cioe mas-C&F u mhux mal-atturi u cjoe Hal Far Quarries u li ghar-rigward ta' kwal;unkwe pendenza li kien hemm ma C&F dawn kienu maghluqin u ghalhekk ix-xhud ghandu jigi muri liema huma l-invoices li l-atturi qed jikkontendu li ma thallsux sabiex hu jkun jista' jidderigi jekk thallsux jew le.

Dr. Krystina Grima tirrileva li s-socjeta rikkorrenti ilha li twaqqfet mill-1998 u s-socjeta intimata dejjem ixtrat il-materjal, zrar, aggregate u torba minghand is-socjeta rikorrenti. Jigi rilevat ukoll li C&F u s-socjeta rikorrenti huma zewg kumpaniji li meexxijin mill-istess persuna u cjoe Frank Schembri u li nxtara mis-socjeta rikorrenti u C&F mghandha x'taqsam xejn mal-ammont mitlub f'din il-kawza.

Illi s-socjeta rikorrenti ilha li talbet lix-xhud l-informazzjoni xi tlett darbiet izda ghar-ragunijiet li jaf hu biss l-informazzjoni li ntalbet u d-dokumenti li ntalbu qatt ma gew esebiti.

Dr. Sammut ghar-rigward issir referenza wkoll ghar-rapport tal-Pulizija li permezz tieghu qed jigi ndikat minn xiex ghaddew l-ufficini tas-socjeta rikorrenti. U l-attur li qed jitlob huwa li jitlob indikazzjoni liema invoices ma gewx imhallsa biex tramite l-accountants tieghu Falzon&Falzon jivverifika dwar dawn il-pagamenti.'

Il-Qorti f'dan l-istadju tiddeplora n-numru konsiderevoli ta' zbalji grammatikali li saru f'dan il-verbal apparentement redatt mill-Assistent Gudizzjarju u li jgib id-data tas-27 ta' Marzu, 2015 liema zbalji kellhom jithallew stante li l-Qorti qed tikkwota verbatim mill-istess.

Rat illi fil-verbal tal-10 ta' Lulju, 2018 il-Qorti wara talba mhux opposta ta' Dr Carl Grech ordnat lill-intimati sabiex jipprezentaw nota sal-20 ta' Settembru, 2018 b'lista tad-*delivery notes* li qed jitolbu li jigu prodotti mis-socjeta' rikorrenti u rat in-nota tas-socjeta' intimata ntavolata nhar is-26 ta' Lulju, 2018 a fol. 217 tal-process fejn permezz taghha nfurmaw lil din il-Qorti li huma qeghdin jikkontestaw it-talbiet kollha ghal hlas ta' €12,804.08 stante illi da parte taghhom m'hemm l-ebda bilanc pendenti stante illi l-bilanci kollha gew issetiljati fl-intier taghhom;

Rat illi fil-verbal datat 6 ta' Ottubru, 2020 il-kawza giet differita ghal-lum ghad-decizjoni bil-fakulta' tal-partijiet li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom;

Rat in-nota ta' sottomissjoni tas-socjeta' intimata esebita fl-atti;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat;**

Illi din il-kawza giet intavolata ai termini tal-Artikolu 167 *et seq* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) fejn is-socjeta' rikorrenti Hal Far Quarries Limited talbet li t-talbiet jigu milqugha bid-dispensa tas-smigh tal-kawza. Il-Qorti fl-ewwel seduta datata 9 ta' Ottubru, 2009 qieset li s-socjeta' intimata ssodisfat lil Qorti li kellha eccezzjonijiet *prima facie* u ghalhekk laqghet it-talba biex jigu pprezentati l-eccezzjonijiet fi zmien ghoxrin (20) jum, ghalhekk l-ewwel talba attrici giet sorvolata.

Illi s-socjeta' attrici tippremetti li hija ghandha tigbor minghand is-socjeta' intimata s-somma ta' tnax-il elf tmien mija u erba Ewro u tmien centezmi (€12,804.08) rapprezentanti bilanc ta' somma akbar konsistenti f'materjal mibjugh u kkonsenjat lis-socjeta' konvenuta minn dik rikorrenti.

Illi s-socjeta' intimata prezentat ir-risposta guramentata nhar it-23 ta' Ottubru, 2009 fejn eccepiet illi s-socjeta rikorrenti ghandha tindika (a) kemm accounts kien hemm miftuha fuq isimha, u ghal liema raguni, (b) l-allegat bilanc minn liema account jekk jirrizulta, (c) meta thaddem l-ahhar dan l-account, u (d) jigu ndikati l-arrangamenti kollha ta' bdil li saru bejn is-sieheb li kien fis-socjeta' rikorrenti u s-socjeta' intimata. Ukoll is-socjeta' intimata ressqet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a bazi tal-Artikoli 2149 (a) u 2156 (f) tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) stante li skont l-intimata fl-ahhar snin s-socjeta' intimata dejjem hallset fil-pront u kienet '*up to date*'. Issostni wkoll li meta l-kontendenti ghalqu l-

kotba tan-negozju taghhom cirka tlett (3) snin ilu kull ammont pendenti kien gie maghluq u l-ebda parti ma kellha tiehu minghand l-ohra.

Illi kif obbligata bil-ligi l-Qorti ser tghaddi sabiex fl-ewwel lok tinvestiga l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ai termini tal-Artikoli 2149 (a) u 2156 (f) tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta), ikkunsidrat li jekk jirrizulta li l-ammont reklamat huwa preskritt, ma jkunx hemm bzonn li l-Qorti tinoltra fl-investigazzjoni tal-mertu.

**Preskrizzjoni:**

Illi minn lat ta' provi dokumentarji ezibiti fl-atti tal-kawza il-Qorti rat li dawk li huma l-aktar rilevanti ghal eccezzjoni tal-preskrizzjoni huma s-segwenti:

1. Mill-atti partikolarment mill-istatement a fol. 4 *et seq* tal-process, jirrizulta li l-ahhar zewg pagamenti maghmula mis-socjeta' intimata kienu jikkonsistu fl-pagament 'on account' fis-somma ta' Lm1,000 li sar nhar is-6 ta' Novembru, 2006 u pagament fuq 'invoices' specifici fl-ammont ta' Lm1,039.60 li sar nhar it-12 ta' Jannar, 2007 (ara deposizzjoni ta' Rodianne Bonnici – *senior accounts clerk* a fol. 67 *et seq* tal-process).

2. Fil-15 ta' April, 2009 is-socjeta' rikorrenti prezentat fir-registru tal-Qorti ittra ufficjali bin-numru: 1506/2009 li saret ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta). F'din l-ittra s-socjeta' rikorrenti nterpellat lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas l-ammont ta' tnax-il elf tmien mija u erba Ewro u tmien centezmi (€12,804.08) rapprezentanti bilanc minn somma akbar ta' materjal

suplit, fuq liema materjal fl-ittra tenfasizza li kien hemm ftehim ta' kont kurrenti. Fl-ittra gie ndikat li l-ahhar pagament sar f'Novembru, 2006 (ara kopja tal-ittra a fol. 27 tal-process) u jitnalab imghax legali mill-1 ta' Dicembru 2006 li jirrizulta li kienet l-ahhar konsenja ta' materjal. L-ittra a tenur tal-Artikolu 166A giet notifikata lis-socjeta' intimata nhar it-22 ta' April, 2009 (ara notifika a fol. 28 tal-process).

3. Fit-8 ta' Mejju, 2009 is-socjeta' konvenuta Mangion Bros. (Zurrieq) Limited ipprezentat nota li permezz taghha ddikjarat li m'ghandha ebda ammont dovut lis-socjeta' Hal Far Quarries Limited (ara nota a fol. 29 tal-process).

4. Fl-24 ta' Lulju, 2009 is-socjeta' rikorrenti ntavolat il-kawza odjerna fejn talbet li jigi dikjarat u deciz li s-socjeta' intimata hija debitrici taghha fl-ammont ta' tnax-il elf tmien mija u erba Ewro u tmien centezmi (€12,804.08) oltre l-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv. Il-kawza giet notifikata lis-socjeta' intimata nhar it-18 ta' Settembru, 2009.

Illi l-Artikolu 2149 (a) tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) jaqra illi:

> 'L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn:
>
> (a) l-azzjonijiet tal-bennejja ta' bastimenti jew bċejjeċ oħra tal-baħar, u tal-kuntratturi ta' bini ieħor jew ta' xogħlijiet oħra ta' injam, ġebel, jew materjal ieħor, għall-opri maħdumin minnhom jew għall-materjali li jfornu;'

Filwaqt li l-artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) jaqra illi:

> 'L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' hames snin:
> (f) l-azzjonijiet ghall-hlas ta' kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-ligi jew ligijiet ohra, taht preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku;'

Illi dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni fil-kaz odjern il-Qorti trid fl-ewwel lok tikkunsidra liema perijodu preskrittiv japplika fil-kaz odjern.

<u>Perijodu Preskrittiv:</u>

Fil-kaz odjern is-socjeta' rikorrenti Hal Far Quarries Limited qieghda titlob il-hlas ghall-fornitura fuq numru ta' snin ta' ramel u zrar minghand is-socjeta' konvenuta Mangion Bros. (Zurrieq) Limited. Is-socjeta' attrici tinsisti li kellha kont kurrenti mas-socjeta' konvenuta u ghalhekk ma japplikax il-perjodu preskrittiv ta' sentejn izda dak ta' hames snin. Min-naha l-ohra s-socjeta' intimata tramite r-rapprezentat taghha Salvu Mangion, fix-xiehda tieghu huwa jinsisti li dak kollu li kien isir dovut wara xahar huwa kien ihallsu. Anzi jzid li r-rapprezentanti tas-socjeta' rikorrenti kienu jigru warajh ghac-cekk fl-ahhar tax-xahar.

Il-Qorti f'dan l-istadju dwar dan il-kwezit taghmel referenza ghad-decizjoni fl-ismijiet **Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited vs. Dismar Company Limited (99/2001/1)** moghtija mill-Onorabbli Qorti Civli Prim'Awla nhar it-12 ta' Ottubru, 2004 liema decizjoni

giet konfermata fil-mertu taghha mill-Onorabbli Qorti tal-Appell. Din id-decizjoni fil-parti rilevanti taghha applikabbli ghall-kaz odjern taqra kif isegwi:

*'Illi, fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, il-kumpannija mħarrka tgħid li ħallset kulma kellha tħallas lill-kumpannija attriċi u tgħid ukoll li dak li qegħda tintalab tħallas imur lura żmien twil ħafna. Is-siwi ta' dawn l-argumenti jiddependi ħafna mill-għamla ta' negozju li kien hemm bejn il-partijiet. F'dan il-każ, il-kumpannija attriċi tgħid li hija tforni lill-kummerċjanti provvisti ta' merkanzija bl-ingrossa;*
*Illi biex wieħed jasal ħalli jiddetermina jekk bejgħ sarx bl-imnut inkella bl-ingrossa wieħed għandu jħares lejn il-bejgħ partikolari u l-għamla tiegħu. Normalment, biex bejgħ jitqies bl-imnut, irid jidher li tali bejgħ kien wieħed magħmul lil konsumatur għall-użu personali tiegħu, filwaqt li, tradizzjonalment, il-bejgħ bl-imnut jingħaraf minn bejgħ bl-ingrossa billi f'dan tal-aħħar il-bejgħ isir lil xerrej li jkun sejjer jagħmel negozju bi jew minn fuq il-ħaġa mixtrija. Imma din m'hijiex regola inflessibbli, minħabba li grossista jista' jagħmel bejgħ bl-imnut, ukoll fejn ix-xerrej ikun kummerċjant ieħor;*
*Illi f'każ fejn in-negozju bejn il-partijiet ma jkunx limitat għal sempliċi operazzjoni ta' bejgħ u xiri (kif isir f'bejgħ bl-imnut) imma jkun hemm element ta' negozjati dwar il-kwalita' tal-ħaġa mibjugħa, dwar il-konsistenza tagħha, dwar il-kapaċita' tagħha biex tilħaq l-għanijiet tax-xerrej, u jkun hemm ukoll l-għoti ta' pariri u stimi, wieħed jista' jgħid li jkun hemm indoli ta' bejgħ bl-ingrossa u mhux bl- imnut;*
*Illi huwa stabilit ukoll li arranġament ta' bejgħ bl-ingrossa ma jsirx wieħed bl-imnut għar-raġuni waħedha li l-konsenji ma jsirux f'daqqa, għaliex huwa n-negozju globali li jwassal biex wieħed jiddeċiedi taħt liema kategorija għandu jiġi klassifikat il-bejgħ. Mill-eżami tad-*

*dokumenti mressqin fl-atti tal-kawża, il-Qorti ma jifdlilha l-ebda dubju li l-arranġament bejn il-kumpannija attriċi u dik imħarrka kien wieħed ta' bejgħ bl-ingrossa taħt sistema ta' kont kurrenti;*

*Illi għar-rigward tal-preskrizzjoni msemmija mill-kumpannija mħarrka, jingħad li din hija waħda minn dawk imsejħin "preskrizzjonijiet qosra". Għalhekk, kif inhu mgħallem f'dan il-qasam, preskrizzjoni bħal din hija eċċezzjoni għar-regola ġenerali tal-preskrizzjoni ta' tletin sena għall-azzjoni ċivili. Għalhekk, preskrizzjoni bħal din għandha tingħata tifsira dejqa. Issa jrid jingħad li għalkemm il-kelma "kreditu" tfisser kull jedd in personam li jaqbel ma' kull obbligazzjoni ta' debitur, jidher li fil-qafas tal-artikolu 2156 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta il- kelma "kreditu" msemmija fil-paragrafu (f) tiegħu għandha tiġbor fiha biss jeddijiet li huma tal-istess bixra tal-jeddijiet imsemmija fil-paragrafi l-oħrajn tiegħu. Ta' min jgħid li ċ- ċirkostanzi kollha maħsubin fl-artikolu 2156 huma obbligazzjonijiet għall-ħlas ta' flus u mhux obbligazzjonijiet di fare;*

*Illi peress li l-preskrizzjoni "residwali" maħsuba taħt l- artikolu 2156(f) tal-Kap 16 hija suġġetta għall-interpretazzjoni eiusdem generis, allura dan iġib miegħu l-effett li l-obbligazzjoni li kontra tagħha titressaq eċċezzjoni bħal din trid tkun waħda għall-ħlas ta' flus. Kemm hu hekk, ingħad li din il-preskrizzjoni tapplika għal żewġ ordni ta' krediti: jiġifieri l-prestazzjonijiet aċċessorji jkunu liema jkunu, u wħud mill-prestazzjonijiet ewlenin jew prinċipali. Tal-ewwel jirrigwardaw dejjem oġġett li jkun flus, filwaqt li tat-tieni jirrigwardaw flus jew ħaġa fungibbli bħalma huma l-flus;*

*Illi l-elementi kollha meħtieġa biex titqies eċċezzjoni bħal din jirriżultaw fil-każ preżenti, billi huwa magħruf li fil-każ ta' bejgħ bl-ingrossa l-preskrizzjoni applikabbli hija dik maħsuba fl-artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili. Il-kreditu pretiż mill-kumpannija attriċi huwa wieħed li jaqa' fil-*

*parametri tal-krediti maħsubin fl-artikolu 2156(f) tal-Kodiċi;*
*Illi, madankollu, huwa mgħallem li l-preskrizzjoni f'każ ta' azzjoni mibnija fuq kont kurrenti ma tibdiex tgħaddi qabel ma l-kont jiġi likwidat, għalkemm jingħad ukoll li l-preskrizzjoni tapplika għal kull partita ta' dejn minkejja li tkun tagħmel parti minn servizz kontinwu. F'kull każ, iż- żmien ta' preskrizzjoni applikabbli huwa dak ta' ħames snin;'*

Illi applikati l-principji enuncjati fid-decizjoni suesposta ghall-kaz odjern u wara li l-Qorti rat l-ammont konsiderevoli ta' 'delivery notes' esebiti fl-atti permezz ta' nota datata 4 ta' Frar, 2020 (hames box files) u wkoll id-dokument esebit a fol 4 et seq tal-process intitolat 'Customer Activity (Summary) – By Customer Name', din il-Qorti tqis li ma hemm l-ebda dubju li bejn il-partijiet odjerni kien hemm bejgh bl-ingrossa u mhux bejgh bl-imnut. Dan johrog car min-numru konsiderevoli ta' transazzjonijiet kull xahar bejn iz-zewg partijiet u dan zgur mis-sena 1999 sas-sena 2007. L-ammont ta' transazzjonijiet juru li evidentement is-socjeta' intimata ma kinitx qed tixtri r-ramel u zrar ghall-uzu personali taghha izda sabiex tuza l-istess ghas-servizzi li hi stess taghti lil terzi.

Illi, in oltre, ghalkemm ir-rapprezentant tas-socjeta' intimata jsostni li l-kumpanija kienet thallas dak dovut minnha lis-socjeta' rikorrenti kull xahar jirrizulta li dan mhux minnu. Mid-dokument a fol. 4 et seq. johrog li ghalkemm verament kien isir pagament qisu kull xahar f'certu perjodu, dan il-pagament kien isir b'mod arrotondat bhala 'payment on account' filwaqt li kien dejjem jibqa` bilanc dovut. Fil-fatt huwa l-istess skrivan tas-socjeta' intimata Emanuel Mercieca li xehed fost ohrajn a fol. 160 et seq tal-process u fol. 206 et seq. li jikkonferma li kienu jsiru pagamenti 'on

account′ kull xahar. Dan ix-xhud jaghmel ukoll referenza ghall-ahhar zewg pagamenti li jidher li saru fl-ahhar tad-dokument a fol. 4 et seq u jghid li dawn izda saru a saldu. Ai fini ta′ preskrizzjoni izda dawn ma jaffettwawx il-bqija tal-kont li evidentement huwa kont kurrenti u l-ahhar pagament sar f′Novembru, 2006. Jirrizulta li l-ahhar fornitura lis-socjeta′ intimata ta′ ramel u zrar saret fl-1 ta′ Ottubru, 2006. Jekk il-perijodu preskrittiv ghandu jitqies li beda jiddekorri mill-ahhar hlas li sar mis-socjeta′ konvenuta ′on account′ u l-kawza giet intavolata fl-24 ta′ Lulju, 2009 jirrizulta allura evidenti li l-perijodu preskrittiv ma lahaqx skada. Fil-frattemp kienet ukoll giet intavolata ittra ufficjali li ggib id-data tal-15 ta′ April, 2009 (ara fol. 27) liema ittra ufficjali kienet giet ukoll debitament notifikata nhar it-18 ta′ April, 2009.

Ghaldaqstant in vista ta′ dak kollu suespost il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad l-eccezzjoni tal-socjeta′ konvenuta dwar il-preskrizzjoni ai termini tal-Artikoli 2149 (a) stante li mhux applikabbli u ai termini 2156 (f) tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta′ Malta) stante li jirrizulta li l-perjodu ta′ preskrizzjoni ma skadiex.

**<u>Mertu</u>**

Illi fil-mertu tal-vertenza fir-rikors guramentat taghha s-socjeta′ rikorrenti titlob il-hlas tas-somma ta′ tnax-il elf, tmien mija u erba′ Ewro u tmien centezmi (€12,804.08) oltre l-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv, liema ammont tishaq li hu bilanc ta′ somma akbat dovuta lis-socjeta′ rikorrenti ghal materjal mibjugh u kkonsenjat lis-socjeta′ intimata.

In sostenn tal-ammont indikat fir-rikors guramentat is-socjeta' rikorrenti esebiet dokument a fol. 4 et seq tal-process li kif inghad huwa intitolat 'Customer Activity (Summary) – By Customer Name' liema dokument juri 'Opening Balance' nhar l-1 ta' Jannar, 1999 ta' tlettax-il elf, mitejn u tnejn u sittin Liri Maltin u erbghin centezmu (LM13,262.40) u bilanc 'outstanding' wara l-ahhar pagament tat-12 ta' Jannar, 2007 ta' hamest elef, erba' mija u sitta u disghin Ewro u disa' u sebghin centemzu (LM5,496.79). Maqlub ghall-ewro dan l-ammont jekwivali ghal dak mitlub fir-rikors guramentat ta' tnax-il elf, tmien mija u erba' Ewro u tmien centezmi (€12,804.08).

A fol. 25 tal-process giet esebita ittra legali ndirizzata lil 'Mangion Brothers Limited' (u ghalhekk isem divers minn dak tas-socjeta' intimata kif indikata fil-kaz odjern) fejn ukoll qed jintalab l-ammont ta' tnax-il elf, tmien mija u erba' Ewro u tmien centezmi (€12,804.08). Fl-ittra ufficcjali datat 15 ta' April, 2009 indirizzata lill-intimata l-ammont mitlub huwa wkoll dak ta' tnax-il elf, tmien mija u erba' Ewro u tmien centezmi (€12,804.08). Ghal din l-ittra fit-termini tal-artikolu 166A tal-Kap. 12 (Kodici Civili) s-socjeta` intimata rrispondiet li ma ghandha taghti l-ebda ammont lir-rikorrenti.

A fol. 67 et seq tal-process xehdet Rodianne Bonnici 'accounts clerk' tas-socjeta' rikorrenti li sostniet li l-ammont dovut mis-socjeta' intimata lis-socjeta' rikorrenti skont l-'statement of account' (fol. 46 et seq) li esebit waqt ix-xiehda kien dak ta' hamest elef, erba' mija u sitta u disghin Liri Maltin u disgha u sebghin centezmu (LM5496.79) li maqlub ghall-Ewro jekwivali ghal tnax-il elf, tmien mija u erba' Ewro u tmien centezmi (€12,804.08). Il-Qorti rat li l-'statement of account' esebit minn dan ix-xhud huwa l-istess wiehed esebit fol. 4 et seq tal-process u li minnu jidher l-

ammont 'outstanding' bhala appuntu dak indikat mix-xhud. Il-Qorti rat li l-ammont 'outstanding' jiehu kont tal-ahhar zewg pagamenti li saru mis-socjeta' intimata u li da parti taghha din tal-ahhar ssostni li kienu a saldu ta' dak kollu dovut lis-socjeta' rikorrenti.

Is-socjeta' intimata tinsisti li wettqet zewg pagamenti fis-6 ta' Novembru, 2006 u fit-12 ta' Jannar, 2007 (li jidhru bhala l-ahhar zewg transazzjonijiet fl-'statement of account' suespost) u li dawn kien a saldu ta' dak kollu dovut lis-socjeta' rikorrenti u ghalhekk ma hemmx xejn dovut. Dwar dan Rodianne Bonnici ghan-nom tas-socjeta' rikorrenti fix-xiehda taghha datata 31 ta' Jannar, 2021 (fol. 95 A) tixhed kif isegwi:

'Issa l-pagamenti li tawna ta' 1039.60 qabdu 4 invoices u hallsu direttament fuqhom imma meta kienu jhallsu qabel kienu dejjem ihallsu payment on account u ghalhekk baqa bilanc rikorrenti jigifieri dejjem gej . . `

Tkompli li l-ahhar pagament li sar 'on account' kien fis-6 ta' Novembru, 2006 fis-somma ta' Lm1,000. Fix-xiehda taghha a fol. 110 A tghid li fis-sena 2007 kien hemm pagament iehor fit-12 ta' Jannar, 2007 fl-ammont ta' Lm 1039.60 u li kien jaqta' 'invoices' partikolari. Tixhed li:

'Imbghad f'daqqa wahda ma baqghux jiehdu iktar minghandna u qabdu lahhar ftit invoices li kienu ricenti u qabdu ghamlu pagament ta' LM1039.60. Imma l-bilanc outstanding li kien fadal ihallsu ta' Lm5396.79 qatt ma gie mhallas. . .'

Fix-xiehda ulterjuri taghha a fol. 153 et seq tinsisti li s-socjeta' rikorrenti tat l-opportunita' lis-socjeta' intimata taghmel

rikonciljazzjoni tal-pagamenti li ghamlet pero' ma kellmuhiex u l-ammont jirrizulta li ghadu dovut.

Fix-xiehda tieghu a fol. 150 et seq ir-rapprezentant tas-socjeta' intimata Salvu Mangion dwar l-'statements' jghid li hu kien irranga mas-socjeta' rikorrenti dwarhom. Isostni li kien ihallas pagament kull xahar lill-iskrivan tas-socjeta' rikorrenti u li jekk jaqbez xahar kienu jigru warajh. Mistoqsi izda jekk ghandux dokumenti li jevidenzjaw il-pagamenti li ghamel jghid li mhux f'posizzjoni li jaghmel dan izda jghid li l-accountant suppost ghandu kollox. Ghalkemm fil-mori tal-kawza dan ix-xhud ghan-nom tas-socjeta intimata gie nterpellat diversi drabi sabiex jesebixxi din l-evidenza u wkoll inghata termini mill-Qorti dan baqa' ma ghamlux.

A fol. 160 et seq u fol. 206 et seq xehed Emanuel Mercieca li jahdem mas-socjeta' intimata. Kif gia msemmi aktar il' fuq hu jikkonferma li generalment il-hlas li kien isir mis-socjeta' intimata lis-socjeta' rikorrenti kien ikun dejjem 'on account'. Jghid li hu qed jixhed mill-memorja ghaliex id-dokumentazzjoni tas-socjeta' intimata kienet giet mitlufa wara li kien hemm xi nies li dahlu fl-ufficini taghha u d-dokumenti kellhom jintremew (ara fol. 162). Jghid li l-uniku dokument li ghandu huwa l-'istatement' li bghatitlu s-socjeta' rikorrenti. Dwar l-ahhar zewg pagamenti jghid li dawn thallsu b'zewg cekkijiet.

A fol. 168 et seq gew esebiti minn Salvu Mangion iz-zewg cekkijiet u wkoll is-'sale statement' relattiv. Il-Qorti rat partikolarment is-'sale statements' a fol. 169 u 171 liema 'statements' jindikaw fuqhom 'Total balance outstanding' ta' elf, tlett mija u dstatax-il Liri Maltin u tmienja u erbghin centezmu (Lm1,319.48) u elf u tlieta u disghin Liri Maltin u sittin centezmu (Lm1,039.60)

rispettivament. Rat ukoll li dawn l-'statements' jindikaw 'invoices' b'numri partikolari li l-Qorti qabblet mal-'statement of account' a fol 4 et seq u rat li dawn l-'invoices' numri huma nkluzi wkoll fih. Huwa ghalhekk evidenti li meta s-socjeta' intimata hallset dawn is-'sale statements' kienet qed thallas a saldu ta' dawn l-'invoices' partikolari u mhux tal-'invoices' kollha li kien ghadhom pendenti.

Il-Qorti tqis ukoll li ghalkemm is-socjeta' rikorrenti tramite ix-xhud Rodianne Bonnici (fol. 240 et seq) ma setghetx tispjega r-raguni ghalfejn inhargu l-ahhar zewg 'sale statements' ghalihom separati mill-bqija ta' dak dovut, min-naha l-ohra izda s-socjeta' intimata ma prezentat l-ebda evidenza lanqas remota li turi lil din il-Qorti li l-'invoices' l-ohra rimanenti murija fl-'statement of account' gew mhallsa salv ghad-dokumenti ghas-saldu. Is-socjeta' intimata, jekk verament tilfet id-dokumentazzjoni, setghet almenu tipprovdi evidenza bankarja nkluz kopja jew 'stubs' tac-cekkijiet kontenenti l-allegati hlasijiet stante li r-rapprezentanti tas-socjeta' rikorrenti kkonfermat li l-hlasijiet mill-intimata kienu dejjem isiru permezz ta' cekkijiet, imma dan is-socjeta' intimata ma ghamlitux.

Il-Qorti ghalhekk in vista tal-provi kollha esebiti fl-atti kif ukoll tal-konsiderazzjonijiet suesposti tqis li s-socjeta' rikorrenti rnexxiela tressaq provi sal-grad rikjest mil-ligi li jevidenzjaw li s-socjeta intimata' hija debitrici tas-socjeta' rikorrenti fis-somma ta' tnax-il elf, tmien mija u erba' Ewro u tmien centezmi (€12,804.08) u ser tghaddi sabiex tilqa' t-talba attrici dwar dan l-ammont.

Il-Qorti rat ukoll li s-socjeta' rikorrenti qed titlob il-hlas tal-imghax legali fuq l-istess somma sad-data tal-pagament effettiv. Stante li s-somma mitluba fir-rikors guramentat rrizulta li hija effettivament dik dovuta mis-socjeta' intimata l-Qorti tqis li s-socjeta' intimata ghandha thallas l-imghaxijiet fuq dan l-ammont

minn meta giet debitament interpellata sabiex thallas l-istess permezz tal-ittra ufficjali datata 15 ta' April, 2009 (fol. 27) sad-data tal-pagament effettiv.

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti l-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:

1. Tiddikjara t-talba sabiex il-kaz jinstema' bid-dispensa tas-smigh bhala sorvolata;

2. Tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mqajjma mis-socjeta' intimata fit-termini tal-artikoli 2149 (a) u 2156 (f) tal-Kodici Civili;

3. Tichad il-bqija tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' intimata fil-mertu;

4. Tilqa' l-ewwel talba tas-socjeta' rikorrenti u tiddikjara li s-socjeta' intimata hija debitrici tas-socjeta' rikorrenti fl-ammont ta' tnax-il elf, tmien mija u erba' Ewro u tmien centezmi (€12,804.08) oltre l-imghax legali mid-data tal-15 ta' April, 2009 (ara ittra ufficjali esebita a fol. 27) sad-data tal-pagament effettiv, rapprezentanti bilanc ta' somma ikbar dovuta lis-socjeta' rikorrenti, prezz ta' materjal mibjugh u kkonsenjat lis-socjeta' intimata minn dik rikorrenti.

5. Tilqa' t-tieni talba tas-socjeta' rikorrenti u tikkundanna lis-socjeta' intimata thallas lis-socjeta' rikorrenti s-somma ta' tnax-il elf, tmien mija u erba' Ewro u tmien centezmi (€12,804.08) oltre l-imghax legali mid-data tal-15 ta' April, 2009 (ara ittra ufficjali esebita a fol. 27) sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta' intimata.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**23 ta' Marzu, 2021**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**23 ta' Marzu, 2021**